



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 134/25

Il-Lussemburgu, 23 ta' Ottubru 2025

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-469/24 | [Tuleka] ¹

Pakketti tal-ivvjaġġar: fil-każ ta' eżekuzzjoni inkorretta tal-kuntratt, il-vjaġġatur jista' jiġi rimborsat b'mod sħiħ, anki jekk ċerti servizzi jkunu ġew ipprovduti lilu

Dan ikun il-każ meta l-eżekuzzjoni żbaljata tas-servizzi tal-ivvjaġġar tkun tant serja li l-pakkett ma jkollux iktar skop u li l-vjaġġ oġġettivament ma jkunx iktar ta' interess għall-vjaġġatur

Żewġ vjaġġaturi Pollakki telqu għal soġġorn "kollox inkluż" flukanda b'ħames stilel fl-Albanija.

L-għada tal-wasla tagħhom, l-istorbju tax-xogħlijiet ta' demolizzjoni tal-pixxini ta' din il-lukanda qajjem lill-imsemmija vjaġġaturi, liema xogħlijiet kienu ġew ordnati mill-awtoritajiet Albaniżi. Dawn ix-xogħlijiet komplew għal erbat ijiem, mis-7:30 sas-19h30, u fi tmiemhom inqerdu kompletament il-pixxini, il-promenade ma' xatt il-baħar, kif ukoll il-parti miksija bl-asfalt b'aċċess għall-baħar. It-turisti kellhom ukoll jistennaw fi kjuwijiet twal biex jieħdu l-ikel tagħhom u jmorru fil-bidu tas-servizz, b'numru limitat ta' ikliet disponibbli. Barra minn hekk, l-ikla ħafifa ta' waranofsinhar tħassret. Fl-aħħar nett, matul l-aħħar tlett ijiem tas-soġġorn, bdew xogħlijiet ġodda bl-għan li jiżdied il-ħames sular fil-lukanda.

Il-vjaġġaturi adixxew lill-qorti biex jitolbu rimbors sħiħ tal-prezz tal-vjaġġ tagħhom u kumpens għad-danni. Filwaqt li xtaqet tiċċara d-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva dwar Pakketti tal-ivvjaġġar ², il-qorti Pollakka adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **vjaġġatur għandu dritt għal rimbors sħiħ tal-prezz imħallas** mhux biss meta s-servizzi tal-ivvjaġġar kollha ma jkunux ġew eżegwiti jew ikunu ġew eżegwiti b'mod żbaljat, iżda wkoll **meta, minkejja l-provvista ta' ċerti servizzi, l-eżekuzzjoni żbaljata tagħhom tkun tant serja li dan il-pakkett ma jkollux iktar skop u li dan il-vjaġġ oġġettivament ma jkunx għadu ta' interess għall-vjaġġatur**. Hija żżid li hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha, jekk dan ikunx il-każ.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva wkoll li d-direttiva hija intiża biss li tistabbilixxi mill-ġdid il-bilanċ kuntrattwali bejn il-vjaġġaturi u l-organizzatur tal-vjaġġi. Min-naħa l-oħra, **hija ma tippermettix li dan tal-aħħar jiġi ssanzjonat, b'mod partikolari permezz ta' danni punittivi**.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar ukoll li l-vjaġġatur ma għandu dritt għal ebda kumpens jekk l-organizzatur juri li n-nuqqas ta' eżekuzzjoni jew l-eżekuzzjoni żbaljata tas-servizzi tal-ivvjaġġar ikunu tort ta' parti terza u jkunu ta' natura imprevedibbli jew inevitabbli. Skont id-Direttiva, **din il-possibbiltà li tiġi evitata r-responsabbiltà fil-konfront ta' vjaġġatur ma tiddependix minn eventwali nuqqas ta' din il-parti terza**. Għaldaqstant, id-direttiva tipprekludi l-leġiżlazzjoni Pollakka li teżiġi li l-organizzatur tal-vjaġġi juri dan in-nuqqas.

Fuq il-kwistjoni dwar jekk ix-xogħlijiet ta' demolizzjoni jistgħux jitqiesu li huma "ċirkustanza eċċezzjonali u inevitabbli", li teżenta lill-organizzatur mill-obbligu li jħallas kumpens għad-danni, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li

dawn jirriżultaw minn att ta' awtorità pubblika. Issa, tali atti jiġu ġeneralment adottati b'mod trasparenti u jiġu ppreċeduti minn ċerta pubbliċità. Għaldaqstant, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk l-organizzatur tal-vjaġġi jew l-amministratur tal-infrastruttura turistika ikunux ġew informati bil-proċedura li tkun wasslet għad-deċiżjoni ta' demolizzjoni, jew jekk kinux ipparteċipaw fiha, jew jekk kinux ġew informati bil-kontenut ta' din id-deċiżjoni qabel l-eżekuzzjoni tagħha. **Fil-preżenza ta' tali parteċipazzjoni jew ta' tali informazzjoni, id-demolizzjoni tal-infrastrutturi inkwistjoni ma tistax titqies li hija imprevedibbli. Għaldaqstant, l-organizzatur ma jistax jiġi eżentat mill-obbligu tiegħu li jikkumpensa lill-vjaġġaturi.**

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew deċiżjoni dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ, u fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

² [Direttiva \(UE\) 2015/2302](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta.